

32007D0018

L 7/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.1.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li tapprova pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6855)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/18/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u temenda d-Direttiva 92/46/KEE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 72(7) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula l-miżuri ta' kontrol li għandhom jiġu applikati f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, kif ukoll ċerti miżuri mmirati lejn iż-żieda ta' l-għarfien u l-istat ta' thejjiya ta' l-awtoritajiet kompetenti u l-komunità agrikola fir-rigward ta' dik il-marda. Skond din id-Direttiva, il-pjanijiet ta' kontinġenza ta' l-Istati Membri għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni.

(2) Sussegwentement, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/435/KE tad-29 ta' April 2004 li tapprova ċerti pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ⁽²⁾ approvat dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u dawn l-Istati Membri huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Bulgarija u r-Rumanija huma mistennija li jissieħbu mal-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007. Għaldaqstant, il-Bulgarija u r-Rumanija ppreżentaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

(4) Dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza kif emendati mill-Bulgarija u r-Rumanija wara s-suġġerimenti li sarulhom matul l-evalwazzjoni tagħhom, jissodisfaw il-kriterji stipulati fid-Direttiva 2003/85/KE u, soġġetti għal aġġornament regolari u implimentazzjoni effettiva, jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa ta' dik id-Direttiva u, għalhekk, għandhom jiġu approvati.

(5) Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni 2004/435/KE għandha tiġi revokata u mibdula b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjanijiet ta' kontinġenza ppreżentati mill-Bulgarija lill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2006 għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer huma approvati.

Artikolu 2

Il-pjanijiet ta' kontinġenza ppreżentati mir-Rumanija lill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2006 għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer huma approvati.

Artikolu 3

L-Anness jistipula l-lista ta' l-Istati Membri li l-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom huma approvati għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer skond id-Direttiva 2003/85/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/552/KE (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 29).

⁽²⁾ ĠU L 154, 30.4.2004, p. 56, verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 189, 27.5.2004, p. 45.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2004/435/KE hija revokata.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika soġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membre tal-Kummissjoni

ANNEX

Lista ta' Stati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 3

Kodiċi	Pajjiż
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
EE	L-Estonja
HU	L-Ungerija
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
MT	Malta
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja